II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-PARLAMENT EWROPEW U IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Settembru 2009

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'applikazzjoni tal-punt 28 tal-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba

(2009/764/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba [1], u b'mod partikulari l-punt 28 tagħha,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament ghall-Globalizzazzjoni (EGF) ġie stabbilit sabiex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-haddiema li ingħataw is-sensja li jbatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjin, u sabiex jgħinhom fl-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.

(2) Il-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 tippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-limitu annwali ta' EUR 500 miljun.

(3) Spanja ressqet applikazzjoni ghall-mobilizzazzjoni tal-EGF, fir-rigward ta' sensji fis-settur tat-tessuti, fid-29 ta' Diċembru 2008. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti sabiex jigu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni ghalhekk ressqet proposta biex tuża l-ammont ta' EUR 3 306 750.

(4) Il-Portugall ressaq applikazzjoni ghall-mobilizzazzjoni tal-EGF, fir-rigward ta' sensji fis-settur tat-tessuti, fit-23 ta' Jannar 2009. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiziti sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni ghalhekk ressqet proposta biex tuża l-ammont ta' EUR 832 800.

(5) L-EGF ghandu, ghalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ghall-applikazzjonijiet imressqa minn Spanja u l-Portugall,

IDDEĊIDEW DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Ghall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea ghas-sena finanzjarja 2009, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament ghall-Globalizzazzjoni ghandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 4 139 550 f'approprjazzjonijiet ghall-impenji u ghall-hlasijiet.

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
[2] GU L 406, 30.12.2006, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Strasburgu, is-16 ta' Settembru 2009.

Ghall-Parlament Ewropew	*Ghall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
J. BUZEK	C. MALMSTRÖM